MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 341/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mag. Saviour Garcia)**
**Vs**

**Raymond Cutajar**
**Carmel Cutajar**
**Philip Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Kidsline Limited (25614) b'ufficju rregistrat 3 Dun Miju Zarb Street, Zebbug u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' sabiex ihallsu l-pagi dovuti lill-impjegati tas-socjeta' fuq imsemmija, naqsu li jhallsu l-pagi kollha fl-ammont ta' LM440 lil ex-impjegata taghhom Stefania Curmi fit-tmiem tal-impjieg taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 47 tal-Kapitolu 452 iddikjarat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-appellati bhala preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellati hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontrihom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huwa s-segwenti:- li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tillibera lill-appellati mill-akkuza fuq bazi ta' preskrizzjoni stante li l-periodu sabiex din l-akkuza tkun preskritta ma kienx ghadu ghadda. L-azzjoni kriminali in kwistjoni kienet taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena skond l-artikolu 47(1) tal-Kap. 452. Stefania Curmi kienet tithallas bix-xahar b' lura. ghalhekk ir-reat gie kommess mill-appellati dakinhar li l-pagi, *notice* u *bonus* kellhom jithallsu lil Curmi u cioe' fl-ahhar ta' Marzu, 2006, minkejja li l-impieg taghha kien gie terminat fis-17 ta' Frar, 2006. Skond ma jidher a fols, 2.3, u 4 tal-atti processwali l-appellati kienu gew notifikati bl-imputazzjonijiet odjerni fit-12 ta' Marzu, 2007, minn PC 158 A. Camilleri u allura qabel ma ddekorra l-periodu tal-preskrizzjoni f' fil-31 ta' Marzu, 2007.

Rat il-verbali registrati fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 2007 li bihom il-Prosekuzzjoni, l-parte civile w d-difiza qablu li l-impjegata kienet fuq kuntratt ta' servizz indefenit u li t-terminazzjoni tal-impieg taghha sehh minnhabba *"redundancy*" u mhux ghal *"just cause" (giusta causa)* u dan ghax il-fabbrika ghalqet. Qablu wkoll illi t-terminazzjoni saret fis-17 ta' Frar, 2006.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni li l-periodu preskrittiv f' dan il-kaz huwa ta' sena skond l-art. 47(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-appellati gew effettivament notifikati bil-komparixxi fit-12 ta' Marzu, 2007 kif jirrizulta mir-riferti pozittivi a fols. 2,3 u 4 tal-process. Il-punt dibattibbi pero' huwa minn meta beda jiddekorri l-periodu tal-preskrizzjoni w cioe' hux mid-data tat-temm t' impieg ta' Curmi fis-17 ta' Frar, 2006, jew mid-data meta kellha tithallas tal-paga, *bonus* u *notice*, li l-prosekuzzjoni tissottometti li kellu jkun fl-ahhar ta' Marzu, 2006,

Ikkonsidrat;.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-impieg li kellha Curmi mas-socjeta' kien kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu w li r-raguni ghaliex intemm l-impieg taghha kienet wahda ta' "*redundancy".* Dan kollu gie stabbilit fil-verbali fuq citati.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, una volta li l-*employer* kien iddecieda li jtemm l-impieg b' kuntratt indefenit ta' Curmi ghal raguni ta' *redundancy*, kif jidher li seta' kellu kull dritt li jaghmel fic-cirkostanzi, hu kellu l-obbligu li minnufieh u bla ebda indugju jaghmel il-hlasijiet kollha dovuti mal-licenjament tal-impjegata w mhux li joqghod jistenna sal-ahhar tax-xahar ta' wara. Anki jekk is-sistema kienet li s-salarju jithallas bix-xahar b' lura (li dwaru, kontrarjament ghal dak allegat fir-rikors tal-appell, ma saret ebda prova) li mhux suppost ghax is-salarju irid jithallas fl-ahhar ta' kull xahar li fih ikun inghata s-servizz, mat-temm tal-impieg kellu jigi saldat kull ammont dovut bhal salarju, *notice money*, hlasijiet ta' *overtime, bonuses* jew partijiet minnhom u cioe' kull ma jkun dovut sad-data tat-terminazzjoni tal-impieg. L-impjegata ma kellhiex ghalfejn tistenna sa l-ahhar tax-xahar ta' wara w cioe' ta' Marzu, 2006, biex tircevi dawn il-hlasijiet, kif issottometta l-appellant.

Kien fis-17 ta' Frar, 2006 li intemmet kull relazzjoni kontrattwali naxxenti mill-kuntratt ta' servizz bejn l-appellati w l-impjegata w kien proprju f' din id-data li kellu jsir il-hlas kollu dovut u li, ladarba ma sarx, gie kunsmat ir-reat istantanju li jiffigura fl-imputazzjoni.

In vista tal-fatt li l-komparixxi giet notifikata lill-appellati aktar minn sena wara din id-data, w cioe' fit-12 ta' Marzu, 2007, l-azzjoni hija preskritta.

Ghal dawn il-motivi l-appell tal-Avukat Generali qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------